MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Numru. 404/2002

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonello)
vs
Roderick Gatt, Kevin Farrugia, Charlot Lautier u Eman Cassar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmijin, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fid-19 ta' Mejju 2002 ghall-habta tas-6.30 p.m. gewwa l-ground Centinarju ta' Qali waqt il-partita bejn Bormla u Birgu urew imgieba abbuziva billi :

1. attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtotita kompetenti;

2. hebbew ghal PC 448 Mark Bilocca u ikkagunawlu griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tieghu skond kif iccertifika Dr Andrew Cassar M. D. ta’ l-Isptar San Luqa;

Lil Roderick Gatt wahdu tall fl-istess data u lok matul il-partita waddab oggett iebes;
Fl-istess data u lok matul il partita hedded Ufficjali tal-Pulizija bi kliem;
Fl-istess data u lok matul il partita qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;
Fl-istess data u lok matul il partita kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-Ligi, tissospendi lill-imsemmija Roderick Gatt, Kevin Farrugia, Charlot Lautier u Eman Cassar milli jidhlu fi ground sportiv ghall-perjodu li jidhrilha xieraq;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhom l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-erba imputati fuq imsemmija, debitament assistiti, volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dana waqt is-seduta tat-28 ta’ Jannar, 2004;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-erba’ imputati fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom tiddikjara lill-istess erba’ imputati fuq imsemmija <u>hatja</u> tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 96, 221 tal-Kapitolu 9 fil-konfront tal-imputati kollha u fil-konfront ta’ Roderick Gatt biss, wara illi rat ukoll l-Artikoli 239 (1)(b), 95, 238 (bb), 342 u 338 (bb) tal-Kapitolu 9. Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 41, 37 u 17 tal-Kap. 9. Tiddikjara fil-

konfront ta' l-imputati kollha illi mhuwiex kaz illi jinghataw piena ta' prigunerija peress illi din il-piena mhix idoneja ghall-akkadut, l-imputati skuzaw ruhhom mal-pulizija ta' dak li gara u l-Qorti tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju ghal dawn l-imputati, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputati jinghataw l-ahhar opportunita sabiex jaqbdu t-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, fil-konfront tal-imputat Eman Cassar, il-Qorti filwaqt illi ikkunsidrat il-fatt illi kien minorrenni meta ikkommetta r-reati in kwistjoni u li ghandu fedina penali netta, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum. Fil-konfront tal-imputati Kevin Farrugia u Charlot Laurtier il-Qorti wara illi rat illi dawn l-imputati ghandhom fedina penali netta qeghda tilliberahom bil-kundizzjoni illi ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena mil-lum. Fil-konfront tal-imputat Roderick Gatt, il-Qorti rat illi dan l-imputat gie ikkundannat f'Marzu ta' l-2001 illi kiser il-buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied u illi qal kliem oxxen, kif ukoll illi fl-ghassa ta' Bormla volontarjament kiser il-paci pubblika bl-ghajjat. Ghaldaqstant fil-konfront ta' dan l-imputat il-Qorti qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment fuq talba tal-Prosekuzzjoni il-Qorti tiskwalifika lill-imsemmija Roderick Gatt, Kevin Farrugia, Charlot Lautier u Eman Cassar milli jidhlu fi ground sportiv f'Malta jew f'Ghawdex ghall-perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------